MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 120/2003

**Western Company Limited**

**vs**

**Joseph Muscat u Susan sive Susana Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm858.20), u fejn intqal:**

**Illi fit-3 ta' Jannar, 2000 inhargu diversi kambjali minn Joseph Muscat u Susan sive Susana Muscat favur Western Company Limited ghall-ammont ta' hamsa u tmenin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu**

**(Lm85.82) kull wahda, pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur.**

**Il-konvenuti naqsu li jhallsu ghaxar kambjali ta' hamsa u tmenin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm85.82) kull wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Jannar, 2000 u Dicembru, 2002;**

**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm858.20) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita` tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv, oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' John Sultana ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Innota li l-kambjali msemmija skadew fis-segwenti dati: 30 ta' Lulju, 2000, 30 ta' Ottubru, 2000, 30 ta' Frar, 2001, 30 ta' Mejju, 2001, 30 ta' Awissu, 2001, 30 ta' Ottubru, 2001, 30 ta' Jannar, 2002, 30 ta' Frar, 2002, 30 ta' April, 2002 u 30 ta' Lulju, 2002. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm858.20), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------